# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Illum, 12 ta' Jannar, 2001.**

**Kawza Nru. 28.**
**Citazz. Nru. 1414/00 JRM**

**BANK of VALLETTA p.l.c.**

**vs**

**Paul BORG.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih is-socjeta' attrici wara li ppremettiet:

Illi s-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Loan Facility" lill-konvenut Paul Borg;

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tal-konvenut Paul Borg fl-ammont ta' elf, disa' mija u tnejn u sebghin liri maltin u tmenin

centezmu (Lm1,972.80) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account” tal-konvenut Paul Borg mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “A1” sa “A19”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t’April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi l-konvenut Paul Borg gie interpellat permezz ta’ ittra ufficjali datata 20 t’Awissu, 1999 li qed tigi hawn esebita u markata Dok “B” sabiex ihallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa’ inadampjenti;

Ghalhekk is-socjeta’ attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lill-konvenut Paul Borg ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, disa’ mija u tnejn u sebghin liri maltin u tmenin centezmu (Lm1,972.80) bilanc ghad-debitu fil-“Loan Account” tal-konvenut Paul Borg mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok “A1” sa “A19”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t’April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 20 t’Awissu 1999 (Dok “B”) u tal-Mandat ta’ Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci;

Semghet ix-xhieda tas-socjeta’ attrici;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ attrici;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi **tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi tikkundanna lill-konvenut Paul Borg ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, disa' mija u tnejn u sebghin liri maltin u tmenin centezmu (Lm1,972.80) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tal-konvenut Paul Borg mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok "A1" sa "A19") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'April 2000 sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 20 t'Awissu 1999 (Dok "B") u tal-Mandat ta' Sekwestru, kontra l-konvenut, bl-imghaxijiet.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF.**
**12 ta' Jannar, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Jannar, 2001.**